# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 16**

**Rikors numru 88/12 AE**

**Mediterranean Trading Shipping Company Limited u Dr Cedric Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Atwood Oceanics Australia Pty Ltd**

**v.**

**Tristar Freight Services Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mis-socjetajiet attrici fis-27 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi s-socjeta` rikorrenti estera Atwood Oceanics ingaggat is-socjeta` Mediterranean Trading Shipping Company Limited sabiex tibghat minn Malta ghal Perth, fl-Awstralja, bicciet ta' taghmir li jintuzaw fuq rig taz-zejt. Illi min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Company Limited talbet lis-socjeta` ntimata Tristar Freight Services Limited sabiex

tipprovdilha servizzi ta' trasport ghal dan it-taghmir, liema socjeta` intimata accetat tali nkariku;

"2. Illi fl-1 ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax, fuq struzzjonijiet tas-socjeta` intimata, is-socjeta` rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Company Limited iddepozitat dan it-taghmir go mahzen go Cospicua, sabiex dan it-taghmir jista' jigi ppreparat u trasportat lejn Perth fl-Awstralja;

"3. Illi meta t-taghmir gie depozitat fil-mahzen, is-socjeta` intimata harget 'Bill of lading', bil-'Waybill Number' 4,784, hawnhekk annessu mmarkat bhala Dok. A, li fih hemm indikat li d-data ta' tluq tat-taghmir kellha tkun l-14 ta' Awwissu 2011;

"4. Illi ftit wara li gie depozitat t-taghmir, hawn fuq imsemmi, is-socjeta` intimata kkuntatjat lis-socjeta` rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Company Limited u nfurmatha li t-taghmir ma setax jinstab fil-mahzen fejn gie depozitat. Minkejja dan fis-6 ta' Awwissu tas-sena 2011, is-socjeta` intimata nfurmat lis-socjeta` rikorrenti li t-taghmir nstab u li kien ser jintbaghat lejn l-Awstralja minnufih. Sussegwentement is-socjeta` intimata harget fattura datata 9 ta' Awwissu 2011, bin-numru SX4780, hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. B li jammonta ghal hames mija u wiehed u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€521.74), liema ammont jirraprezenta servizzi ta' trasport ghat-taghmir hawn fuq imsemmi;

"5. Illi fid-19 ta' Awwissu tas-sena 2011, permezz ta' email, is-socjeta` intimata kkuntatjat lis-socjeta` rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Company Limited u nfurmatha li t-taghmir ma kienx mibghut lejn Awstralja fl-14 ta' Awwissu, skont il-'Bill of Lading'. Minflok it-taghmir gie distrutt kompletament f'nar li sehh fil-mahzen fil-Cospicua fis-17 ta' Awwissu 2011, f'liema data suppost it-taghmir kien gia` telaq minn hemmhekk;

"6. Illi minhabba l-agir traskurat u n-negligenza tas-socjeta` intimata s-socjetajiet rikorrenti soffrew danni fil-konfront taghhom. Min-naha taghha s-socjeta` Mediterranean Trading Shipping Company Limited, hija responsabbli lejn is-socjeta` estera Atwood Oceanics Inv. ghad-danni li soffriet mit-telf ta' dan it-taghmir, waqt li s-socjeta` rikorrenti Atwood Oceanics Inc. apparti li soffriet it-telf tat-taghmir innifsu kellha tinkorri izjed spejjez sabiex tissostitwixxi dan it-taghmir, li kien essenzjali ghall-operat tar-'rig' taz-zejt;

"Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"i) Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dmirijiet u obbligi tas-socjeta` intimata, kif indikati fil-'Bill of Lading', hawnhekk anness u

mmarkat bhala Dok. A, partikolarment nuqqas ta' ezekuzzjoni tad-data ta' tluq minn Malta ghall-Awstralja fl-14 ta' Awwissu 2011;
"ii) Tiddikjara li minhabba l-ksur tad-dmirijiet u l-obbligi tas-socjeta` intimata, is-socjetajiet rikorrenti soffrew danni fil-konfront taghhom;

"iii) Tillikwida d-danni li soffrew is-socjetajiet rikorrenti.

"Bl-imghaxijiet u l-ispejjez legali."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà konvenuta, Tristar Freight Services Limited tal-5 ta' Marzu, 2012, li permezz taghha gie eccepit:

"1. Illi in linea preliminari, trid tingab prova tal-prokura u/jew prokuri emessi mis-socjeta` estera, u dana anke peress illi m'huwa car xejn mill-mod kif gie redatt ir-rikors guramentat min qieghed jirraprezenta l-istess socjeta`;

"2. Illi in linea preliminari wkoll, l-irritwalita` tar-rikors guramentat in kwantu jitlob il-likwidazzjoni tad-danni minghajr ma jitlob ghal kundanna ghall-hlas, u ghalhekk peress li s-socjeta` konvenuta ma tista' qatt tigi kkundannata ghall-hlas f'dawn il-proceduri, hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

"3. Illi preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta` estera Atwood Oceanics Australia Pty Ltd u s-socjeta` esponenti u dana stante illi s-socjeta` Mediterranean Trading Shipping Company Limited dejjem innegozjat ghaliha nnifisha;

"4. Illi fil-mertu, id-dokument bid-data tad-9 ta' Awwissu 2011 ma jorbotx lis-socjeta` esponenti u dan stante illi mhux iffirmat. Peress li si tratta ta' operazzjoni kummercjali u jidher car illi l-partijiet riedu jassoggettaw id-dokument ghall-firma, kwalsiasi stipulazzjoni li tohrog minn dan id-dokument ma torbotx lis-socjeta` esponenti;

"5. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-data tal-14 ta' Awwissu 2011 kienet wahda indikattiva u mhux tassattiva u dan is-socjeta` attrici kienet tafu ben tajjeb, u ghalhekk it-talbiet attrici li huma bbazati fuq l-allegat nuqqas ta' tluq minn Malta fl-14 ta' Awwissu 2011 huma f'dan is-sens infondati;

"6. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` esponenti ma ghandha l-ebda kif se jigi ampjament dimostrat waqt is-smigh ta' din il-kawza;

> "7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u anke f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ssib illi d-dokument tad-9 ta' Awwissu 2011 jiswa, is-socjeta` esponenti mhijiex responsabbli ghal telf jew hsara li jigru minhbba hruq u dan b'applikazzjoni tal-ligi specjali;
>
> "8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, ir-responsabbilta` ghad-danni tas-socjeta` konvenuta hija limitata bil-ligi specjali u l-konvenzjonijiet applikabbli;
>
> "9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta mhijiex responsabbli versu l-atturi;
>
> "10. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri, ipprezentata fit-30 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha nghad ukoll:

> "1. Illi l-insostenibbilta` tat-talbiet attrici inkwantu dawn huma bbazati fuq illecita`, stante illi kif xehdu r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici huma ddikjaraw ammont ferm inferjuri fuq id-dokumenti tad-dwana mill-ammont li huma stess qed jippretendu li huwa l-veru valur tat-taghmir mertu ta' din il-kawza u tal-istess dokumenti tad-dwana. Illi kif risaput, kwalunkwe obbligazzjoni maghmula b'kawza illecita hija bla effett, u ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistax tippretendi li tadixxi l-Qorti wara li hija stess ikkommettiet illegalita` konsistenti f'dikjarazzjoni falza fuq document doganali."
>
> "Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

> "(i) Iddikjarat li l-ewwel eccezzjoni giet ezawrita wara li giet ipprezentata d-debita prokura;
>
> "(ii) cahdet it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet;
>
> "(iii) fir-rigward tas-sitt eccezzjoni, filwaqt li ddikjarat li m'hemmx provi li l-konvenuta hi b'xi mod personalment responsabbli, ghan-nirien li kien hemm fil-mahzen fejn kien jinsab it-taghmir, xorta hi responsabbli ghar-ragunijiet hemm moghtija;

"(iv) cahdet is-seba', tmien u disa' eccezzjonijiet kif ukoll l-eccezzjoni ulterjuri; (v) laqghet l-ewwel talba attrici; filwaqt li

"(vi) ghal dak li jikkoncerna t-tieni u tielet talbiet:

"(a) fir-rigward tal-attrici Mediterranean Trading Shipping Company Limited, illiberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju gialadarba ma jirrizultax li din sofriet danni; u

"(b) fir-rigward tal-attrici Atwood Oceanics Australia Pty Ltd, laqghet it-talbiet u llikwidat id-danni fl-ammont ta' tmintax-il elf hames mija u disa' u disghin ewro u disa' u disghin centezmu (€18,599.99). Bl-imghax jiddekorri mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-kaz jitratta dwar taghmir li jintuza fuq rig taz-zejt li l-attrici Mediterranean Trading Shipping Company Limited inkarigat lil konvenuta biex jintbaghat l-Awstralja. M'hemmx kontestazzjoni li t-taghmir kien tal-attrici Atwood Oceanics Australia Pty. Ltd. Fid-9 ta' Awissu 2011 il-konvenuta harget *waybill* mhux iffirmat (fol. 6) fejn jinghad li t-taghmir tar-rig kellu jintbaghat bil-bahar minn Malta ghall-Perth fl-14 ta' Awwissu 2011. Irrizulta li fl-1 ta' Awissu 2011 Mediterranean Trading Shipping Company Limited hadet it-taghmir f'warehouse f'Bormla, skond kif qaltilha taghmel il-konvenuta. Fl-14 ta' Awwissu 2011 it-taghmir ma telaqx minn Malta u fis-17 ta' Awwissu 2011 kien hemm hruq fil-mahzen u t-taghmir gie distrutt.

"<u>Eccezzjonijiet preliminari</u>**.**

"1. B'nota prezentata fil-25 ta' Gunju 2012 (fol. 41), Dr Cedric Mifsud ipprezenta prokura li nghatat lilu minn Atwood Oceanics Australia Pty. Ltd. Ghalhekk il-qorti tqies li minn dan id-dokument jidher li Dr Mifsud kien awtorizzat li jipproponi din il-kawza. Ghalkemm fl-eccezzjoni jinghad li mhu xejn car min qieghed jirraprezenta l-kumpannija attrici, il-qorti ma taqbilx peress li fl-okkju tar-rikors guramentat jinghad espressament li Dr Cedric Mifsud qieghed jidher bhala rapprezentant gudizzjarju ta' Atwood Oceanics Australia Pty. Ltd.

"2. Hu minnu li m'hemmx talba li l-konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni. B'daqshekk ma jfissirx li r-rikors guramentat huwa null. Hu minnu li l-qorti ghandha tiddeciedi r-rikors guramentat a

bazi tat-talbiet li jkunu saru[1]. Pero' 'l fatt li m'hemmx talba ghall-kundanna hlas, ma jfissirx li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku. Fl-eventwalita' li l-qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi, m'hemm xejn x'izommhom milli jipproponu kawza biex il-konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont. Ovvjament f'dik l-eventwalita' l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tat-tieni kawza ghaliex it-talba setghet facilment saret f'dawn il-proceduri.

"3. Fl-eccezzjoni ulterjuri jinghad li Mediterranean Trading Shipping Company Limited wettqet illegalita' ghaliex fid-dokumenti tad-dwana ddikjarat li l-valur tat-taghmir kien ferm inqas minn dak li qeghda tippretendi bhala danni. Hu veru li hemm diskrepanza konsiderevoli bejn il-valur dikjarat fid-dokumenti tad-Dwana u l-valur pretiz. Madankollu dan 'il fatt ma' jistax iwassal ghan-nullita' tal-obbligazzjoni li dahlet ghaliha l-konvenuta meqjus li ma tressqet l-ebda prova li dan 'il fatt wassal biex jigu evazi xi imposti dovuti lill-Gvern ta' Malta. Stephanie Ruggier, ufficjal fid-Dipartiment tad-Dwana, ikkonfermat li l-valur "[…] *mhux sempliciment ghal skopijiet ta' statistika tintuza, [izda] ukoll ghal skopijiet tal- Ligijiet tad-Dwana*" (fol. 100). Pero' ma tressqitx prova li l-esportazzjoni tat-taghmir in kwistjoni minn Malta kien jaghti lok ghal xi hlas dovut lill-Gvern bazat fuq il-valur tieghu. Ghalkemm il-konvenuta argumentat li kif it-taghmir kien ser jasal l-Awstralja kellu jithallas id-dazju, prova f'dan is-sens ma saritx u l-qorti ma tifhimx kif dan jista' jkun meta tikkunsidra li t-taghmir kien proprjeta tal-kumpannija stess.

"<u>Meritu.</u>

"1. M'hemmx dubju li l-konvenuta naqset mill-obbligu li tibghat it-taghmir fid-data dikjarata minnha stess. Ghalkemm Mark Anastasi, direttur tal-konvenuta, xehed[2] li l-14 ta' Awwissu 2011 hi data indikattiva biss, id-dokument a fol. 6 ma jghidx hekk. Il-qorti tikkonkludi li l-obbligu tal-konvenuta kien li fl-14 ta' Awwissu 2011 tibghat it-taghmir lejn l-Awstralja. L-istess xhud, filwaqt li rrimarka li l-Waybill m'huwiex iffirmat, osserva: "*Dan ifisser ghalija li l-ordni min-naha jew ahjar id-dokument mhux finalizzat ghalhekk ghalija ifisser li l-ordni mhix maghluqa*"[3]. Hu minnu li l-kopja tad-dokument prezentat mill-atturi m'huwiex iffirmat. B'daqshekk ma jfissirx li ma nholqot l-ebda rabta kuntrattwali. Tant l-ordni kienet maghluqa li l-konvenuta:-

"(a) Inizjalment kienet ikkonfermat bil-miktub li t-taghmir kellu jitlaq minn Malta fis-6 ta' Awwissu 2011 (fol. 27). Madankollu, Matthew Sultana spjega li peress li ma kienx

[1] Il-qorti ma tarax li f'dan il-kaz tista' minn jeddha taghti provvediment biex jissewwa dak li jidher li hu zball, peress li skond l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 it-talba trid issir minn parti.
[2] Seduta tat-12 ta' April 2013.
[3] Seduta tat-12 ta' April 2013.

hemm bizzejjed oggetti biex jimtela' l-container, it-taghmir ma ntbaghatx fis-6 ta' Awwissu 2011.

"(b) baghatet kont datat 9 ta' Awwissu 2011 ghall-prezz ta' €521.74 (fol. 7).

"(c) Hadet it-taghmir taht idejha. Matthew Sultana[4] xehed: "*Nispjega illi huma kienu cempluli biex isaqsuni fejn se igibulna l-merkanzija, u jiena kont indikajtilhom il-warehouse tal-burdnar in kwistjoni li kien jismu C. Zammit & Sons, gewwa l-Cottonera*" (fol. 79).

"2. Jirrizulta li kien impjegat tal-konvenuta li nforma lill-ufficjal tal-Mediterranean Trading Shipping Company Limited fejn kellu jittiehed it-taghmir. Hu ghalhekk evidenti li f'dak l-istadju l-konvenuta dahlet responsabbli ghat-taghmir ta' Atwood Oceanics Austraila Pty. Ltd gialadarba gie depozitat ghand persuna tal-fiducja taghha.

"3. M'hemmx kontestazzjoni li t-taghmir gie distrutt fi hruq li sehh fil-mahzen f'Bormla fejn il-konvenuta qalet lill-attrici biex tiehdu. L-uniku taghrif li nghata dwar il-hruq li sehh fil-mahzen fejn kien jinsab it-taghmir ta' Atwood hu li:-

> *""[…] the probable cause of the ignition (Fire) was arson, i.e. whereby person or persons actually created a situation where flammable liquids, solids and vapours in the warehouse and or placed inside the warehouse were ignited deliberately*" (fol. 103)[5].

"Madankollu fir-rapport ma jinghadx kif ir-relatur wasal ghall-konkluzjoni li n-nirien bdew minhabba att doluz. M'hemmx dettalji dwar l-investigazzjoni li suppost ghamel ir-relatur qabel hejja r-rapport.

"Debitur hu dejjem responsabbli biex iwettaq l-obbligu li jkun assuma, sakemm ma jigrix xi incident li huwa ta' forza magguri jew kaz fortuwitu. Ladarba l-konvenuta hadet il-pussess tat-taghmir tramite terza persuna nkarigata minnha, kienet fl-obbligu li tikkonservah u tizgura li ma ssirlux hsara. Ghalhekk mal-konsenja l-oggetti ghaddew fir-riskju u periklu tal-konvenuta (Artikolu 1126 tal-Kodici Civili).

"Ghajr ghar-rapport ta' Leslie Maruice Cox ma tressqux provi relatati man-nirien li ddistruggew it-taghmir in kwistjoni. M'hemm l-ebda prova relatata mal-mahzen fejn kien qieghed jinzamm it-taghmir, bhal x'sigurta kien hemm u x'prekawzjonijiet kien hemm fil-post kontra n-nirien. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuta li tissodisfa l-qorti li t-taghmir kien jinsab f'post fejn hemm mizuri ta' sigurta'. Kien id-dmir tal-konvenuta li t-taghmir li nghatat sakemm jigi esportat, tiehu hsiebu daqslikieku kien hwejjigha. Dan kellha taghmlu billi tassigura ruhha

[4] Manager tal-kumpannija konvenuta.
[5] Rapport maghmul minn Leslie Maurice Cox li gie kkonfermat bil-gurament.

dwar il-post fejn kien qieghed jinzamm qabel jintbaghat fil-lok ta' destinazzjoni,u wkoll li tizgura li l-oggetti huma assigurati kontra l-perikli. Cirkostanza li tikkorabora t-tezi tal-atturi hi li rrizulta li wara li t-taghmir gie kkonsenjat, ufficjal tal-konvenuta nfurmaha li ma setax jinstab[6]. Fil-fehma tal-qorti dan 'il fatt, fih innifsu, juri nuqqas ta' serjeta' fil-*modus operandi* tal-konvenuta.

> "4. M'hemmx prova li b'rizultat ta' dak li gara, sal-lum Mediterranean Trading Shipping Company Limited sofriet xi danni. Fil-fatt fir-rikors guramentat qalet li "[…] *hija responsabbli lejn is-socjeta estera Atwood Oceanics Inc. ghad-danni li sofriet mit-telf ta' dan it-taghmir*". Pero' m'hemmx prova li hallset xi kumpens lill-attrici l-ohra, jew li ttiehdu xi proceduri gudizzjarji kontra taghha. Ghalhekk il-pretensjoni taghha ghal likwidazzjoni tad-danni hi intempestiva.
>
> "5. Fl-eccezzjonijiet numru seba' u tmienja l-konvenuta ghamlet riferenza ghal nuqqas ta' responsabbilta minhabba ligi specjali, minghajr ma qalet fhix tikkonsisti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ghamlet riferenza ghall-Att dwar Garr ta' Merkanzija bil-Bahar (Kap. 104). Il-provvedimenti minn din il-ligi li l-konvenuta ghamlet riferenza ghalihom, m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in ezami gialadarba t-taghmir kien ghadu ma tghabbix fuq il-bastiment meta inharaq[7].
>
> "6. L-attrici ghamlet ukoll enfazi ghall-valur tat-taghmir dikjarat mill-attrici Mediterranean Trading Shipping Company Limited. Hu minnu li l-valur dikjarat minnha fid-dokument esebit a fol. 36, hu ta' €2,000. Madankollu dak il-valur gie ddikjarat f'dokumenti tad-Dwana, procedura li bilfors kellha ssir qabel it-taghmir jigi esportat minn Malta. Nicholas Saliba, impjegat tal-ewwel attrici, spjega kif il-valur ta' €2,000 inghata lilu minn Peter Ellul Sullivan (direttur tal-kumpannija). Tal-ahhar ikkonferma dan u qal: "*Mistoqsi biex nghid minn fejn gibt il-valur ta' Ewro 2000, nghid il-valur ghal export ma tantx huwa daqshekk importanti ghad-dwana Maltija. It is a statistical value… Li ghamilt hu li mill-ftit esperjenza li ghandi ghidtlu nizzlu Ewro 2000. Ir-rig equipment jiena ma rajtux*" (fol. 87). Hi l-fehma tal-qorti li pjuttost mill-esperjenza x-xhud qabad u fajjar cifra, meqjus li hu stess qal li ma kienx ra l-apparat u "*Jien m'inhix xi bniedem tekniku fuq dan l-apparat li ghandu x'jaqsam ma' oil rigs*" (fol. 87). Min-naha l-ohra l-ufficjal tal-attrici l-ohra spjega li: "*The value of the equipment lost in the fire, is the one indicated in Doc. A, that is twenty four thousand, six hundred and eighty three US dollars and fifty two cents ($24,683.52) equivalent*

---

[6] Nicholas Saliba xehed: "*Wara li ddepozitajt dan it-taghmir f'dik id-data partikolari ircevejt telefonata mis-socjeta intimata fejn qaluli li ma setghux jsibu ttaghmir…… Fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011) rcevejna telefonata ohra mis-socjeta intimata li qaltilna li t-taghmir nstab u kellu jitlaq minnufih*" (fol. 38).

[7] Fl-iskeda '*Regoli dwar il-Poloz ta' Taghbija'*, d-definizzjoni ta' garr ta' merkanzija hija: "[….] *iz-zmien minn dak il-hin li l-merkanzija titghabba fuq il-bastiment sa x'hin tinhatt minnu*".

*to eighteen thousand five hundred and ninety nine Euros and ninety nine cents (€18,599.99). This value represents the actual loss of equipment we have suffered excluding all other ancillary losses caused due to the replacement of this equipment*" (fol. 76). Verzjoni li m'hiijex kontradetta[8].

"7. Il-konvenuta ssostni li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' Atwood Oceanics Australia Pty Ltd. Mill-affidavit li ghamel Richard Allen Lee (fol. 75), ufficjal ta' Atwood Oceanics Australia Pty Ltd, irrizulta li t-taghmir kien taghha[9]. Pero' mill-provi rrizulta li Atwood ma kenitx parti ghall-ftehim mal-konvenuta. Kienet l-attrici Mediterranean Trading Shipping Company Limited li ngaggat lill-konvenuta. Lanqas m'hemm prova li l-konvenuta giet infurmata li Mediterranean Trading Shipping Company Limited kienet qeghda tagixxi bhala mandatarja tal-attrici l-ohra. Fil-fatt f'ittra legali datata 29 ta' Awwissu 2011 mibghuta lill-konvenuta (fol. 8), il-konvenuta giet interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni li sofriet Mediterranean Trading Shipping Company Limited[10]. Il-qorti trid tiddeciedi l-kawza a bazi tat-talbiet kif jigu proposti. L-ewwel zewg talbiet jaqraw:-

"(i) Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dmirijiet u obbligi tas-socjeta intimata, kif indikati fil-Bill of Lading, hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. A, partikolarment, nuqqas ta' ezekuzzjoni tad-data ta' tluq minn Malta ghall-Awstralja fl-14 ta' Awwissu 2011;

"(ii) Tiddikjara li minhabba l-ksur tad-dmirijiet u l-obbligi tas-socjeta intimata, s-socjetajiet rikorrenti sofrew danni fil-konfront taghhom."

"It-tieni talba hi konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Ghalhekk jidher li r-relazzjoni kuntrattwali hi bejn Mediterranean Trading Shipping Company Limited u Tristar Freight Services Limited. B'daqshekk ma jfissirx li m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-konvenuta u l-attrici l-ohra, gialadarba rrizulta li t-taghmir konsenjat lilha kien ta' Atwood. Fil-kawza Anthony sive Tony Jones vs it-Tabib Francis Pullicino et deciza mill-Prim'Awla[11] fis-27 ta' Gunju 2008, li kienet titratta talba ghad-danni minhabba operat ta' tabib, il-qorti osservat:

---

[8] Ara wkoll dokument a fol. 44.

[9] "*During the month of July 2011 our company had some equipment based in Malta which we wanted to ship to Perth in Australia. The material we wanted to ship to Australia was equipment to be used on an oil rig".*

[10] Fl-ittra jinghad: *"I write on behalf of my company Mediterranean Trading Shipping Company Limited of 13, Barriera Wharf, Valletta.*
*As you are aware my client entrusted your company with the provision of freight services for 3 pieces of rig equipment to be delivered to the Master of Rig Atwood Eagle in Perth Australia, which equipment was owned by my client's customer Atwood Oceanic Inc." (fol. 8).*

[11] Imhallef G. Caruana Demajo.

> "*"Tassew li ma hemmx relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u l-konvenut Tabib Grech, izda dan ma jfissirx illi ma hemm relazzjoni guridika, ghax, kif ighid l-art. 1031 tal-Kodici Civili, "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu" u jekk tassew lill-attur saritlu hsara li grat bi htija ta' dan il-konvenut… il-konvenut ghandu jwiegeb ghal din il-hsara*.".

> "Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi ddikjaraw li qeghdin jibbazaw il-kawza taghhom fuq l-Artikoli 1031[12] u 1032 tal-Kodici Civili. Fil-paragrafu numru sitta (6) tar-rikors guramentat l-atturi ppremettew li kien hemm agir traskurat u negligenti min-naha tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk il-qorti ma tara l-ebda ostakolu li tqies il-pretensjoni ta' Atwood mill-aspett ta' kolpa akwiljana, u tiddikjara li fir-relazzjoni bejn Atwood u l-konvenuta qeghda tifhem it-talbiet attrici f'dan is-sens. Fil-konfront ta' Atwood il-konvenuta hi responsabbli ghaliex, ghalkemm m'hemmx prova li kienet hi li tat lok ghan-nirien, ma tat l-ebda prova li:-

> "i. kienet ghamlet accertamenti dwar jekk il-mahzen kienx post idoneju fejn tinzamm il-merkanzija, u x'kien qieghed jinzamm fih;

> "ii. l-incident gara minhabba ragunijiet inevitabbli, fis-sens li ma setax jigi evitat bid-diligenza ordinarja ta' *bonus paterfamilias*;

> "Agir li fil-fehma tal-qorti m'huwiex dak ta' *bonus paterfamilias* li ghandu oggetti ta' haddiehor fil-kustodja tieghu."

Rat ir-rikors tal-appell imressaq mis-socjetà konvenuta Tristar Freight Services Limited, min hawn 'il quddiem imsejha s-socjetà konvenuta appellanti, li permezz tieghu talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Ottubru, 2013, billi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati minnha u konsegwentement tiddikjara li hija m'ghandhiex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif dedotti. Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni skont il-kaz, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati.

[12] Art. 1031: "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*" u Art. 1032: "*jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*".

Rat ir-risposta tas-socjetajiet appellati, li permezz taghha nghad li l-appell ghandu jigi michud u ghandha tigi kkonfermata s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta appellanti.

Rat li waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2017, id-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell li baqa' differit ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjetajiet attrici appellati qeghdin ifittxu lis-socjetà konvenuta appellanti sabiex tigi dikjarata responsabbli ghad-danni u li jigu likwidati l-istess danni, wara li din giet inkarigata minn Mediterranean Trading Shipping Company Limited, sabiex iggorr taghmir ta' rig taz-zejt, proprjetà tas-socjetà attrici l-ohra Atwood Oceanics Australia Pty. Gara li filwaqt li s-socjetà konvenuta appellanti ndikat fejn kellu jinzamm it-taghmir ghand burdnar taghha f'Bormla, sakemm jimtela l-*container,* b'dan illi l-istess taghmir kellu jitlaq lejn l-Awstralja fl-14 ta' Awwissu, 2011, dan l-istess taghmir baqa' fil-mahzen u spicca mitluf fin-nirien li hakmu l-imsemmi mahzen.

L-ewwel ma jigi trattat huwa l-punt li qajjmu s-socjetajiet appellati fir-risposta taghhom, li permezz tieghu talbu li l-appell interpost mis-socjetà konvenuta appellanti ghandu jigi dikjarat *fuori termine* inkwantu sar wara

wiehed u ghoxrin gurnata u ghalhekk isostnu li r-rikors tal-appell huwa null u bla effett u dan a tenur tal-Artikolu 226 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghandu jinghad mal-ewwel illi ghalkemm l-imsemmi Artikolu 226 jiddisponi li l-appell ghandu jsir fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza, u minkejja li mad-daqqa t'ghajn wiehed jista' jahseb li l-appell sar tardivament, peress li sar fil-wiehed u ghoxrin jum wara s-sentenza, madankollu meta wiehed jivverifika mal-kalendarju tas-sena 2013, dlonk jintebah li t-terminu perentorju ta' ghoxrin jum kien jaghlaq fit-3 ta' Novembru, 2013, li kien jahbat il-Hadd. Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 12.21 li tipprovdi ghar-Regolamenti dwar il-Procedura Civili, tirrelata mal-granet u l-hinijiet tal-ftuh tar-Registri tal-Qrati, fosthom li jkunu maghluqa ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji, is-Sibtijiet u btajjel pubblici, fost granet ohra. Issa l-Artikolu 108 tal-Kap. 12 jipprovdi li, meta l-ahhar gurnata ta' terminu legali tinzerta li mhix gurnata ta' xoghol, jigifieri tahbat is-Sibt jew Hadd jew btajjel pubblici, allura dak it-terminu jaghlaq fl-ewwel gurnata ta' xoghol li jkun imiss u fil-hin li jaghlaq ir-Registru (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta tal-14 ta' Mejju, 1993, fil-kawza fl-ismijiet **AIC Joseph Xuereb nomine v. Dolores Degabriele**). Ghalhekk, dan ifisser li l-appell mis-sentenza sar fi zmien utli, u ma sarx tardivament, izda fiz-zmien hekk kif kontemplat fil-ligi. Isegwi li dan il-punt ma

jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi mwarrab sabiex jigi trattat il-mertu tal-appell.

Is-socjetà konvenuta appellanti hassitha aggravata bid-decizjoni tal-ewwel Qorti li sabet favur is-socjetà Atwood Oceanics Australia Pty Ltd. u qeghdha tinterponi dan l-appell, peress li tqis li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-provi li tressqu quddiemha, kif ukoll tal-principji legali li kellhom jigvernaw il-kaz u s-soluzzjoni ghalih, liema apprezzament hazin wassal ghal decizjoni ritenuta minnha bhala zbaljata.

Taht dan l-aggravju generali jigu ndirizzati numru ta' temi li ser jigu ndirizzati ndividwalment. L-ewwel punt jitratta n-nuqqas ta' *locus standi* u relazzjoni guridika inezistenti. Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma taqbilx mal-ilment tas-socjetà konvenuta appellanti fejn tishaq dak rilevat permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, fis-sens li hu allegat li m'hu xejn car min qieghed jirraprezenta l-kumpanija attrici. Din il-Qorti, bhal ta' qabilha tqis li, apparti li fl-okkju tar-rikors guramentat jinghad espressament li Dr Cedric Mifsud qieghed jidher bhala rapprezentant gudizzjarju ta' Atwood Oceanics Australia Pty Ltd, dan jinsab debitament korroborat permezz tal-prokura pprezentata fl-atti, li kellha tindirizza kull dubju li seta' kien hemm. Il-fatt li r-rikors promotur kien ipprezentat minn zewg socjetajiet distinti, izda ghall-fini tal-gurament, kif

mahsub taht l-Artikolu 156 (5) tal-Kap. 12, kien Peter Ellul Sullivan li ha dan il-gurament ghall-istess socjetajiet attrici, jaqa' sewwa sew fil-parametri tal-provvediment legali. Din il-Qorti ma tirriskontra ebda ksur tal-provvedimenti tal-ligi, kif ravvizat mis-socjetà konvenuta appellanti, jew li dan kollu jixhet xi dubju fuq il-*locus standi* tas-socjetà estera Atwood Oceanics Australia Pty Ltd. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwistjoni tal-*locus standi* tas-socjetà appellata estera Atwood Oceanics Australia Pty. Ltd, hija indipendenti mill-fatt li kien rapprezentant ta' socjetà attrici l-ohra li ha l-gurament fuq ir-rikors promotur.

F'dan l-istadju huwa ritenut opportun li jigi nvestit punt iehor imqajjem mis-socjetà konvenuta appellanti, peress li jorbot sew ma' dan appena espost, dak fejn jitqajjem in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjetà appellata Atwood Oceanics Australia Pty Limited, peress li hija dejjem innegozjat mas-socjetà appellata l-ohra Mediterranean Trading Shipping Company Limited. Hija tishaq li fil-fatt l-azzjoni attrici hija wahda bbazata fuq ksur kuntrattwali, inkwantu jigi allegat ksur ta' dmirijiet taghha kif indikati fuq il-*Bill of Lading,* li wasslu ghad-danni. Il-prezunzjoni legali hija li s-socjetà appellata Mediterranean Trading Shipping Company Limited kienet qeghdha tikkontratta f'isimha u ghaliha nnifisha, mhux f'isem terzi, u b'hekk tghid li ma hemm ebda ness kuntrattwali jew relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjetà appellata Atwood Oceanics Australia Pty Limited, li jkompli jxejjen il-

*locus standi* tas-socjetà estera f'din il-kawza. Tikkritika lill-ewwel Qorti li ddecidiet il-kawza fuq bazi ta' culpa akwiljana meta xejn fit-talbiet attrici ma jindika li l-azzjoni kienet stradata f'dan is-sens. Ladarba huwa principju pacifiku li l-Qorti ghandha toqghod u tiddeciedi l-kawza fil-parametri tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet migjuba quddiemha, l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib xi forma ta' htija da parti taghha, fil-konfront tas-socjetà appellata Atwood Oceanics Australia Pty Limited, ladarba din la kellha *locus standi* u wisq anqas xi rabta guridika mas-socjetà konvenuta appellanti.

Jibda billi jinghad li l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika hija ta' natura sostantiva u tippresupponi l-inezistenza ta' rapport negozjali bejn il-partijiet; rapport li minnu jiskaturixxu l-obbligazzjonijiet, rapport li jista' jkun kemm wiehed naxxenti minn kuntratt, jew wiehed naxxenti mid-delitt. Bl-aggravju taghha, is-socjetà konvenuta appellanti tinsisti fuq it-tielet eccezzjoni taghha ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjetà appellata estera, peress li hija dejjem ikkuntrattat mas-socjetà appellata l-ohra, Mediterranean Trading Shipping Company Limited. Izda ghalkemm huwa minnu li s-socjetà konvenuta appellanti m'ghandhiex relazzjoni kuntrattwali mas-socjetà estera, il-premessi attrici fir-rikors promotur huma ritenuti misti. L-azzjoni hija mista inkwantu qeghdin jintalbu danni kemm a bazi ta' inadempjenza kuntrattwali, kif ukoll a bazi ta' negligenza u traskuragni da parti tas-socjetà konvenuta appellanti.

Kwindi din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tqis li f'sitwazzjoni bhal din ta' azzjoni mista, li hija bbazata fuq premessi differenti, jintlaqtu responsabbiltajiet differenti li ghandha s-socjetà konvenuta appellanti fil-konfront tas-socjetajiet attrici appellati. Filwaqt li l-pretensjonijiet ta' Mediterranean Trading Shipping Company Limited huma msejsa fuq relazzjoni *ex contractu,* inkwantu konsegwenzjali ghal inadempjenza kuntrattwali, da parti tas-socjetà konvenuta appellanti, dawk ta' Atwood Oceanics Australia Pty Limited huma naxxenti minn agir delittwuz da parti tas-socjetà konvenuta appellanti, li jinghad li kienet traskurata u negligenti.

Ladarba s-socjetajiet attrici appellati qeghdin isejsu d-drittijiet taghhom ukoll fuq in-nuqqas fl-operat tas-socjetà konvenuta appellanti, isegwi li d-danni mitluba minnhom huma proprjament naxxenti minn *culpa aquiliana,* kif wara kollox tipprovdi l-ligi meta tghid li kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili); li jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1) tal-istess Kodici); u kull min bil-hsieb jew minghajr hsieb jaghmel hsara, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' ghaqal, ta' prudenza, jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk (Artikolu 1033 tal-Kodici Civili).

Huwa evidenti li ghas-socjetà konvenuta appellanti huma biss it-talbiet attrici kif espressament esposti fl-att promotur tar-rikors guramentat illi jiddeterminaw in-natura tal-azzjoni attrici. Kif inghad, pero`, fl-att promotur, is-socjetajiet attrici appellati jallegaw kemm il-ksur ta' obbligi kuntrattwali, kif ukoll responsabbilità ta' natura delittwali. Tajjeb li jinghad li l-Qrati taghna mhumiex daqstant rigidi f'kawzi fejn il-mertu jinvolvi kwistjonijiet simili. B'hekk per ezempju fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Vassallo v. Mizzi et**, deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi:

> "… l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita` taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."

Hekk ukoll fis-sentenza deciza minn din il-Qorti, fl-20 ta' Frar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Av. Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et**, kien ritenut illi:

> "... huwa principju stabbilit fis-sistema giuridika nostrali li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghall-interpretazzjoni giudizzjarja jew iktar bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispecji dedotti."

Tenut kont tal-gurisprudenza hawn citata, din l-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta tghid li ma tarax ostaklu ghall-indagni tal-Qorti, in vista tal-

mod kif giet formulata l-azzjoni attrici fir-rikors promotur u ghalhekk ir-responsabbilità allegata tas-socjeta` konvenuta appellanti tista' tigi ezaminata kemm mill-aspetti kuntrattwali, kif ukoll dawk delittwali. Ghalhekk, safejn permezz tat-tielet eccezzjoni taghha is-socjetà konvenuta appellanti tippretendi l-helsien mill-harsien tal-gudizzju, din gustament giet michuda mill-ewwel Qorti, bla hsara, f'dan l-istadju, ghall-kwistjoni fil-meritu jekk kienx hemm tassew dak in-nuqqas li jwassal ghar-responsabilità *ex delcito*.  Sakemm is-socjetà attrici appellata estera tipprova li kienet hi, ad eskluzjoni ta' haddiehor li garrbet id-danni, allura l-azzjoni taghha tista' tipprocedi u ghaldaqstant ghandha *locus standi* f'din il-kawza.

Imiss issa li jigi ezaminat l-aggravju relattiv ghal htija kuntrattwali.  Is-socjetà konvenuta appellanti tishaq li l-*bill of lading* ma kinitx iffirmata minn rapprezentant taghha, peress li din kienet semplicement abbozz. In-nuqqas ta' firma fuq dokument, bhalma huwa *bill of lading* fil-kuntest kummercjali, huwa wiehed determinanti, peress li fil-fehma taghha dan ifisser li ma kien hemm ebda relazzjoni kuntrattwali ladarba l-ftehim ma kienx perfett.  Fi kwalunkwe kaz hija tinsisti li ma kisret ebda klawsola tal-ftehim, peress li d-data indikata tal-14 ta' Awwissu, 2011, li fiha kellhom jitilqu l-oggetti inkwistjoni, kienet biss wahda indikattiva u mhux tassattiva, kif indikat fix-xhieda ta' Matthew Sultana.  Dan apparti li kif inghad mill-ewwel Qorti, sal-lum ma tressqitx prova li Mediterranean

Trading Shipping Company Limited sofriet xi danni, inkwantu m'hemmx prova li hallset lis-socjetà attrici appellata l-ohra xi kumpens; kwindi l-pretenzjoni taghha ghal-likwidazzjoni ta' danni hija intempestiva.

Hawn ukoll, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjetà konvenuta appellanti m'ghandhiex ragun, peress li taqbel mal-kostatazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti, fis-sens li l-fatt li d-dokument esebit in atti intitolat bhala "*Waybill*" mhux iffirmat, ma jfissirx li ma nholqot ebda rabta kuntrattwali. Il-fatt li nghatat konferma da parti tas-socjetà konvenuta appellanti li t-taghmir kellu jitlaq l-ewwel fis-6 ta' Awwissu u mbaghad fl-14 ta' Awwissu, 2011, il-fatt li indikat fejn kellu jigi kkonsenjat it-taghmir, u l-fatt li baghtet kont ghas-servizzi taghha, huma kollha ndikazzjonijiet li l-ftehim pattwit gie fis-sehh.  Kif kellha okkazjoni tghid din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Novembru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Meli Holdings Ltd et v. Gloria Pont et:**

> "Huwa minnu illi l-patt "G", migjub fuq, ighid li kellu jsir ftehim bil-miktub; huwa minnu wkoll illi l-art. 114 tal-Kodici tal-Kummerc ighid illi:
>
> > ""114. Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita`."
>
> "Din izda hija biss presunzjoni iuris tantum u ma tibqax tghodd meta l-imgieba tal-partijiet turi car illi huma jqiesu illi l-ftehim sar u twettaq. ...L-imgieba ta' l-atturi turi illi jridu jiehdu vantagg mil-fatt illi nqdew bi hwejjeg il-konvenuti meta dawn kienu f'idejhom u issa – jew ghax ma ghadx ghandhom bzonnhom jew ghax in-negozju ma ghadux tajjeb jew ghal xi raguni ohra – iridu jehilsu minnhom u jiehdu flushom lura."

Hekk ukoll f'dan il-kaz, mhux ritenut xieraq li jinghad li ma kienx hemm ftehim kuntrattwali, peress li l-fatti tal-kaz juru mod iehor. Ghalhekk din il-Qorti tikkonferma li kien hemm rabta kuntrattwali, kif ukoll inadempjenza kuntrattwali. Dan jinghad peress li ladarba s-socjetà konvenuta appellanti hadet il-konsenja tal-oggetti, hija kienet obbligata twettaq l-obbligu taghha kif pattwit, kif ukoll li tizgura li ssir il-konsenja fit-termini miftehma.

Madankollu huwa superfluwu li jigi mistharreg dan il-punt ulterjorment, peress li fl-ahhar mill-ahhar, is-socjetà konvenuta appellanti qablet mad-decizjoni tal-ewwel Qorti sa fejn jinghad illi ladarba s-socjetà attrici appellata Mediterranean Trading Shipping Company Limited ma ressqitx provi li effettivament sofriet xi danni, isegwi li l-pretensjoni taghha ghal-likwidazzjoni ta' danni hija intempestiva, u ma tressaq ebda appell incidentali fuq dan il-punt.

Is-socjetà konvenuta appellanti tikkontesta wkoll is-sentenza appellata inkwantu sabitha responsabbli a bazi ta' *culpa aquiliana,* mhux biss ghaliex tqis l-azzjoni bhala wahda ta' natura kontrattwali, izda peress li hija lanqas taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti, safejn iddecidiet illi hija kellha taghti xi prova dwar l-idoneatà tal-mahzen inkwistjoni sabiex jilqa' t-taghmir tas-socjetà attrici estera, jew li l-incident gara minhabba ragunijiet inevitabbli. Dan jinghad minnha peress li apparti li l-atturi

appellati hargu bl-aspett ta' *culpa* fl-istadju tas-sottomissjonijiet, wara li nghalqu l-provi, ladarba r-regola hija li min jallega jrid jipprova, kien jinkombi fuq s-socjetajiet attrici appellati li jippruvaw tali nuqqas da parti taghha.

Is-socjeta` konvenuta appellant taghmel referenza wkoll ghar-rapport tal-espert in materja, Leslie Maurice Cox, fejn gie kkonfermat li l-kawza probabbli ghall-hruq kien dak ta' hruq intenzjonali u mhux xi nar attribwibbli ghal xi negligenza da parti taghha u ghalhekk lanqas minn dan l-aspett ma tirrafigura l-element ta' *culpa.* Tissottometti li l-ligi taghna, kif ukoll il-gurisprudenza, tipprovdi li persuna li maghha jigi depozitat oggett m'ghandhiex tirrispondi dejjem f'kaz ta' distruzzjoni tal-istess oggett depozitat ghandha. Taghti ezempju b'kaz partikolari fejn oggett depozitat li safa' misruq gie ekwiparat ma' kaz fortuwitu, u tghid li f'dan il-kaz ukoll hija ma setghet qatt titqies responsabbli ghall-akkadut.

Issa kif inghad qabel, din il-Qorti tqis l-azzjoni in ezami bhala wahda mista, fejn is-socjetajiet attrici appellati jfittxu lil dik appellanti, kemm a bazi ta' htija kuntrattwali, kif ukoll a bazi ta' *culpa aquiliana.* Lanqas ma taqbel mas-socjetà konvenuta appellanti safejn jinghad minnha li l-aspett ta' *culpa* hareg biss fl-istadju tan-noti ta' sottomissjonijiet, peress li kif diga` accennat, l-agir traskurat u negligenti kien jifforma parti mill-premessi attrici. Hekk ukoll, minn ezami tal-provi, dan l-agir non kuranti

tas-socjetà konvenuta appellanti jispicca fil-mira kemm tal-affidavit ta' Paul Ellul Sullivan, meta jixhed li ftit wara li ddepozitaw it-taghmir fil-mahzen, dan ma setax jinstab, kif ukoll dwar il-bidla fid-dati ta' meta t-taghmir kellu jitlaq minn Malta, sakemm spiccaw biex kellhom konferma li t-taghmir gie distrutt minhabba nirien fl-imhazen fejn kien depozitat l-istess taghmir, li suppost kien jinsab fi triqtu lejn l-Awstralja. Fatti li jinsabu kkorroborati bix-xhieda ta' Nicholas Saliba, impjegat mas-socjetà Mediterranean Trading Shipping Company Limited.

Inkwantu ghall-piz tal-prova, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, fejn gew elenkati r-regoli prevalenti fl-ordinament guridiku taghna fir-rigward, meta jinghad:

> *"a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> *"b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
>
> *"c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

> *"d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoadni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, wara li rat il-provi in atti, din il-Qorti tinsab sodisfatta li tabilhaqq is-socjetà konvenuta appellanti naqset fl-inkarigu moghti lilha u konsegwentement ghandha twiegeb ghall-hsara li grat konsegwenza tal-ghemil taghha li kien nieqes mill-prudenza u mill-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Ghalhekk hija obbligata li taghmel tajjeb ghall-hsara li grat fit-taghmir tas-socjetà appellata Atwood Oceanics Australia Pty Limited.

Dan qieghed jinghad ukoll peress illi mill-perspettiva ta' kuntratt ta' depozitu l-obbligi tad-depozitarju huma delineati fl-Artikoli 1899 *et sequitur* tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fost dawn l-obbligi l-ligi trid li d-diligenza li ghandha tigi ezercitata mid-depozitarju ghandha tkun dik ta' missier tajjeb tal-familja. Mill-fatti tal-kaz jirrizulta li s-socjeta` konvenuta appellanti kienet obbligata li tezercita l-massima prudenza biex tassigura li dik l-merkanzija depozitata fil-post maghzul minnha kienet qeghdha tinzamm f'post adegwat u sigur.

Inkwantu dak li gie sottomess dwar l-effetti ta' kaz fortuwitu fuq l-obbligi tas-socjeta` konvenuta appellanti, jigi osservat li ghalkemm huwa minnu li d-depozitarju ma jwiegeb qatt ghall-accidenti li jigru b'forza magguri, hlief jekk ikun gie mqieghed *in mora* ghar-radd tal-haga ddepozitata (li mhux il-kaz), din il-Qorti tosserva li persuna ma tistax teccepixxi l-forza magguri jekk l-akkadut kien direttament ir-rizultat ta' nuqqas ta' obbligu legali impost fuq l-istess depozitarju. Issa ghalkemm huwa minnu li mkien ma jirrizulta li s-socjetà konvenuta appellanti kienet direttament responsabbli ghan-nar li hakem il-mahzen, meta wiehed iqis kemm il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, li s-socjetà konvenuta appellanti kellha tassigura li ma ssirx hsara lit-taghmir, kif ukoll taccerta ruhha li l-post indikat minnha fejn kellu jigi depozitat it-taghmir qabel jintbaghat barra minn Malta kellu jkun wiehed sigur, kif ukoll il-fatt li fil-gurnata li sehh l-incident it-taghmir suppost li diga` kien fi triqtu lejn l-Awstralja, din il-Qorti ma tqisx li s-socjetà konvenuta appellanti adoperat il-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Kif gustament inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-14 ta' Marzu, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Studio Seven Co. Limited v. Awtorità Maltija ghat-Turizmu et:**

> *"Kif qalet il-Qorti f'succint ghal dak li tghid il-ligi fil-kawza Saviour Cutajar vs Agent Registratur tal-Qorti, deciza fis-16 ta' Gunju 2005 (per Imhallef J. R. Micallef):*
>
> > *""Il-kuntratt tad-depozitu jinvolvi t-tqeghid ta' haga f'idejn haddiehor, bl-obbligu ta' dan li jharisha u li jroddha lura in natura meta jintalab li*

> *jaghmel dan (Art. 1891 tal-Kap. 16). Illi l-ligi trid li dak li ghandu titqieghed haga b'depozitu jiehu hsiebha bhalma jiehu hsieb hwejgu stess (Art. 1899 tal-Kap. 16). Izda hu ma jwegibx ghall-accidenti li jsehhu b'forza magguri, sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-haga lil min ikun talabhielu lura (Art. 1901 tal-Kap. 16).*
>
> *"Id-dmir ewlieni u element kardinali tal-kuntratt tad-depozitu huwa li d-depozitarju ghandu jrodd lura l-istess haga mhollija f'idejh fil-qaghda li tkun fiz-zmien meta tintradd u kull tgharriq li ggarab bla htija tieghu jbatiha d-depozitant (Art. 1904 tal-Kap. 16).*
>
> *"Illi jitqies li haga depozitata tkun intilfet b'forza magguri jekk kemm-il darba jintwera li d-depozitarju jkun ha l-passi kollha mehtiega u ragonevoli biex il-haga depozitata tkun tqeghdet fiz-zgur [Kumm. 29.6.1979 fil-kawza fl-ismijiet Nut. Joseph Vella Galea vs Anglu Azzopardi et (mhix pubblikata)]. Is-serq huwa wahda mill-grajjiet li jistghu jitqiesu bhala forza magguri ghad-depozitarju (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet John Camilleri noe et vs Saviour Zahra)."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghalkemm dan ma jitrattax serq tal-oggett depozitat, it-taghmir depozitat xorta spicca intilef fin-nirien li hakmu l-mahzen maghzul mis-socjetà konvenuta appellanti. Din il-Qorti ma tqisx li s-socjetà konvenuta appellanti hadet il-passi kollha mehtiega u ragjonevoli biex it-taghmir inkwistjoni tqieghed fiz-zgur, kemm minhabba l-ewwel episodju fejn it-taghmir intilef ghal xi granet wara li sar id-depozitu, kif ukoll peress li sussegwentement inghad li t-taghmir kellu jitlaq lejn l-Awstralja fl-14 ta' Awwissu, 2011, izda baqa' fil-mahzen li nhakem min-nirien fis-17 ta' Awwissu, 2011. Dan il-*modus operandi tas-socjetà* konvenuta appellanti mhuwiex wiehed ezemplari jew agir ta' missier tajjeb tal-familja. Kwindi lanqas dan l-aspett ma huwa ta' ebda suffragju ghall-posizzjoni tas-socjetà konvenuta appellanti.

Jonqos li tigi trattata d-dikjarazzjoni allegatament qarrieqa u l-limitazzjoni awto-inflitta da parti tas-socjetajiet attrici appellati. Is-socjetà konvenuta appellanti tishaq li l-valur addebitat da parti tas-socjetà Mediterranean Trading Shipping Company Limited lit-taghmir inkwistjoni kien dak ta' €2,000, mentri jinghad li l-valur proprju tieghu huwa ta' €18,599.99, kif jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-istess socjetà appellata, li sahqu li l-valur ta' €2,000 moghti kien wiehed purament ghall-iskopijiet ta' statistika. Is-socjeta` konvenuta appellanti tirreferi ghax-xhieda tar-rapprezentant tad-Dwana li xehdet li l-formola fejn gie ndikat dan il-valur ma kienx wiehed semplicement ta' statistika, izda wiehed ghal skopijiet tal-ligi tad-dwana wkoll. Tinsisti li ghalkemm ebda hlas ta' dazju ma kien dovut hawn Malta, dan il-hlas ta' dazju u taxxa fuq il-valur dikjarat kellu jsir l-Awstralja sabiex tigi rilaxxata l-merkanzija. Kwindi fil-fehma taghha tirrizulta l-kawza llecita, li giet injorata mill-ewwel Qorti.

It-tieni aspett tal-valur dikjarat jorbot mal-*quantum* tad-danni li setghet tippretendi s-socjetà Mediterranean Trading Shipping Company Limited, inkwantu hija setghet tippretendi biss rizarciment ta' danni sal-valur dikjarat minnha. Ladarba hija naqset milli tinforma lis-socjetà konvenuta appellanti bil-valur attwali tat-taghmir, ma tistax issa tippretendi valur oghla minn dak minnha dikjarat u li kien jifforma parti mill-ftehim kuntrattwali bejniethom, altrimenti s-socjetà appellata tkun qeghdha

tithalla tiehu vantagg minn kawza llecita. Filwaqt li ticcita gurisprudenza f'dan ir-rigward hija ssostni li l-massima fil-ligi hija li *in pari turpitudine melior est condicio possidentis.*

Bħala l-ewwel ħaġa ser tigi trattata l-kwistjoni jekk id-diskrepanza sostanzjali fil-valur tat-taghmir mitluf fin-nar jikkostitwixxix l-illegalità li tittanta tghid is-socjetà konvenuta appellanti. Din il-Qorti ma taqbilx mal-asserzjoni maghmula minnha fis-sens li l-ewwel Qorti njorat l-kwistjoni ta' kawza llecita, peress illi fil-fatt wara li qiset kollox, l-ewwel Qorti ddikjarat li ma sabitx li s-socjetà konvenuta appellanti ppruvat l-allegazzjoni maghmula minnha. Dan meta nghad:

> *"... ma tressqitx prova li l-esportazzjoni tat-taghmir in kwistjoni minn Malta kien jaghti lok ghal xi hlas dovut lill-Gvern bazat fuq il-valur tieghu.* ***Ghalkemm il-konvenuta argumentat li kif it-taghmir kien ser jasal l-Awstralja kellu jithallas id-dazju, prova f'dan is-sens ma saritx u l-qorti ma tifhimx kif dan jista' jkun meta tikkunsidra li t-taghmir kien proprjeta tal-kumpannija stess."***
> (enfasi mizjud minn din il-Qorti)

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li nghad mill-ewwel Qorti fir-rigward. Filwaqt li huwa minnu li l-Artikolu 987 tal-Kodici Civili jipprovdi illi: "*L-obligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m'ghandha ebda effett*", l-obbligazzjoni f'dan il-kaz ma kinitx kundizzjonata fuq il-valur tat-taghmir. Kif lanqas ma tirrizulta li saret xi skrittura bejn il-kontendenti fil-kawza li tohloq obbligazzjonijiet illeciti, inkwantu jikkontemplaw sitwazzjonijiet li huma pprojbiti mil-ligi jew li saret dikjarazzjoni falza tal-valur tat-taghmir bl-iskop illi l-partijiet jevadu

l-ligijiet fiskali u jiddefrawdaw lill-Gvern Civili mit-taxxa dovuta fuq il-valur reali tat-taghmir. Ladarba ma saritx din il-prova, l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjetà konvenuta appellanti ma setghet qatt tirnexxi.

Jekk kemm-il darba ma tirrizultax il-kawza llecita, lanqas tapplika l-massima *in pari turpitudine melior est condicio possidentis.* Huwa minnu li din tfisser li min jidhol f'avventura bil-hsieb li jqarraq bil-ligi ma ghandux ikollu s-serhan tal-mohh li jekk l-avventura tmurlu hazin ikun jista' jinqeda bil-ligi biex jiehu lura dak li tilef. Gie spjegat ukoll illi l-biza' li jibqa' minghajr il-harsien tal-ligi huwa disincentiv ghal min jigih il-hsieb li jqarraq u ma ghandhiex tkun il-ligi stess li tnehhi dan id-disincentiv ghal min ikun irid iqarraq biha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Ottubru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et.)**. Madankollu l-punt jibqa' li ladarba ma jirrizultax l-element qarrieqi, ifisser li l-kwistjoni tal-*quantum* tad-danni tibqa' determinata fuq il-bazi tal-ahjar prova. F'dan il-kaz din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tinsab sodisfatta li d-danni mgarrba da parti tas-socjetà attrici appellata Atwood Oceanics Australia Pty Ltd, kienu fil-valur tat-taghmir li ggarraf fin-nirien, fl-ammont ta' $24,683.52 ekwivalenti ghal €18,599.99, kif debitament sostanzjat mhux semplicement bi stima, izda bil-fatturi tal-akkwist tad-diversi bicciet tat-taghmir, hekk kif jirrizultaw esebiti in atti. Ghalhekk lanqas dan l-ilment ma jirrizulta gustifikat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjetà konvenuta appellanti, billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-istess socjetà konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld